**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Tnejn u Għoxrin (22)

## Il-Ħamis, 3 ta' Diċembru 2020

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-4:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |
| Owen Buġeja | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**22.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kien hemm ħadd assenti.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**22.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti**

Il-Minuti tal-Għoxrin (20) il-laqgħa tat-3 ta' Novembru 2020 u tal-laqgħa b'urgenza (21) tat-23 ta' Novembru ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 20 ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Proponent:-Joseph Vella u Sekondant:-Eucharist Camilleri.

Kien hemm nota mill-Kunsillier Jean Paul Portelli dwar il-barriers li nħadmu minn Jason Saliba peress li hu qal li jistgħu jinxtraw minn supplier partikulari bi prezz ferm irħas. Is-Sindku ħa nota għal darb'oħra.

**22.3. Quarterly Report June-Sept 2020; Budget 2021; Business Plan 2020-2023;**

Għal din il-parti tal-laqgħa kienet mistiedna l-Accountant tal-Kunsill. Wara diskussjoni fit-tul mal-Accountant u saru diversi mistoqsijiet minn dawk prezenti dawn it-tlett rapporti ġew approvati minn dawk kollha preżenti. Kien hemm kliem ta tifħir għal kif qed jitmexxew il-finanzi tal-Kunsill Lokali mill-Kunsilliera kollha preżenti, speċjalment għall-ħidma tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biex jiġi indirizzat id-deficit.

Is-Segretarja innotat li kellha riċerka mingħand student dwar il-Management letters tal-Kunsilli fejn dan faħħar it-tmexxija tal-Kunsill Lokali tan-Nadur fejn jidħlu finanzi, u anke għan-nuqqas ta' problemi li jinstabu fil-management letter.

**22.4. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank, u ma kien hemm l-ebda mistoqsija jew kummenti minn naħa tal-Kunsilliera.

**Varjazzjonijiet fuq it-Toroq Rurali:** Il-Kunsill għadu qed jistenna mingħand il-MGOZ rigward għajnuna li tista' tingħata.

**Rural Roads Co-Financing**: L-ARPA għalaq il-progett tal-Kunsill Lokali tan-Nadur u l-Kunsill tħallas l-aħħar pagament li kien hemm pendenti għalhekk is-Segretarja bgħatet lil Board tal-Co-Financing

biex jkunu jistgħu jgħalqu minn naħa tagħhom ukoll u jsir l-aħħar pagament. Il-Kunsill għadu ma jafx kemm ser jieħu bl-eżatt u qed jassumi figura ta' €10,000.

Ser jinħargu l-ammont ta' madwar 3,500 euro lil ħaddiema tal-CWS fuq il-Performance bonus. Kien hemm qbil li dawn jingħataw il-punti massimi peress li kollha qed jagħmlu dak mitlub minnhom.

Daħlu 15,000 euro fuq l-iskema tal-Karnival mingħand il-MGOZ u Kultura u hemm pendenti ukoll madwar 59,000 euro li l-Kunsill tan-Nadur għadu jrid jirċievi mingħand il-Wasteserv fuq organic waste kif stipulat fil-Kuntratt. Is-Sindku hawnhekk innota li ser jitwarbu flus li hemm imgemma u li anke għad irridu nirċievu minn bnadi oħra, speċifikament għal-Rural Roads, sabiex jagħmlu tajjeb ghal-varjazzjonijiet. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u anke ġiet imfaħħra il-mod responsabbli li qed naħdmu biha.

Kien hemm qbil li jitħallsu 10,000 euro fuq it-toroq tal-PPP pendenti lil Gatt Tarmac Ltd, madwar 3,000 euro lil Richard Cauchi fuq kontijiet pendenti, 2,500 euro lil Road Construction (jingħalaq il-Kont pendenti fuq toroq) u l-ammont pendenti tal-Wasteserv.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

**22.5. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

**22.5.1 *Qtugħ ta' ħaxix* –** Dan baqa għaddej fl-inħawi kollha tan-Nadur skond il-bzonn. Kien hemm qbil li dan ix-xogħol jibqa isir minn Joseph Cauchi.

**22.5.2 *Bolovostri fi Triq ir-Rabat-*** dawn lesti u ser jitrangaw.

***22.5.3 Ħitan tas-sejjieħ-*** tkomplew jinbnew numru ta' ħitan tas-sejjieħ.

***22.5.4 Bins Għajn Qasab***- Kien hem qbil li dawn jinxtraw mill-Kunsill tan-Nadur.

***22.5.5 Bozza fi Triq Dun Bernard Haber-*** Din lesta kemm tixgħel minn naha ta' Enemalta.

***22.5.6 Talba għal passaġġ fil-bajja ta' San Blas***- Il-Perit tal-Kunsill ser imexxi mal-Planning Authority.

***22.5.7 Talba għal gate fi sqaq tal-Pjazzetta***- Din qed tinħadem minn Jason Saliba.

***22.5.8 Fuljett Novembru 2020-*** Dan tqassam f'kull dar mill-ħaddiema tal-CWS.

***22.5.9 Lapida fi Triq Xandriku-***Din ġiet ordnata mingħand Marvic u anke il-Kotba tal-fotografija.

***22.5.10- Sleeping Policeman fi Triq Ħida-*** Din tneħħiet u ma kienx hemm complaints.

***22.5.11- Bankini bis-sement fi Triq it-Tigrija***- Dawn lesti.

***22.5.12. Ħajt fi Triq Għajn Qasab***- Dan tranga u lest.

***22.5.13- Dog Bin fi Triq it-Tigrija-*** Dan twaħħal.

***22.5.14- Bozza fi Triq il-Knisja***- Din twaħħlet kemm tixgħel minn naha tal-Enemalta.

***22.5.15- Ħadida fil-bankina fi Triq il-Knisja***- Il-Kunsill bgħat talba lil TM.

***22.5.16- Sement taht il-ħajt fi Triq il-Buskett***- Dan lest.

***22.5.17- Rampa fi Triq Dun Bernard Haber***- Din lesta.

***22.5.18- Tabella no heavy vehicles fi Triq Dun Bernard Haber***- Din lesta.

**22.5.19 *Pendenti*** –Street paint tat-Triq it-Tigrija, Patching fi Triq Fatima, Sement fi Triq ta' kenuna, Trab fil Partita ta' San Blas, Sement fi Triq tax-Xini, Sement fi Sqaq ta' Majza, Patch fi Triq Ħida, bankina tal-Kazin tal-futbol u Sement fi Triq Wied ir-Rihan.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**22.5.20 *Żviluppi dwar Talbiet minn Jean Paul Portelli:***

- Ħitan fi Triq Daħlet Qorrot- dawn lesti..
- Pendenti: Il-Gibjun tal-Pjazza biex niċċekjaw jaħdimx, Passaġġ bit-torba tax-Xini.

**22.5.21 *Żviluppi dwar Talbiet minn Joseph Vella*:**

- Pendenti:- Sqaq ta' majza il-bollard u sement.

**22.5.22 *Żviluppi dwar Talbiet minn Josef Camilleri*:**

- Pendenti: Sement fi Sqaq tad-Duru- Dan ser isir il quddiem.

**22.5.23 *Żviluppi dwar Talbiet minn Eucharist Camilleri*:**

- Rigward is-sistema tal-Panelli fi Triq Inzul il-Franċizi- Il-Kunsill qed jistenna mingħand l-Enemalta biex jinbeda x-xogħol.
- Bike rack fi Triq ta' l-iskola- Din twaħħlet.
- Pjanti fi Sqaq Cicciano- dawn lesti.
- Yellow line biex isir itwal fi Triq il-Madonna ta' Fatima- Din lesta.
- Pendenti: Patch fi Triq il-Knisja u bini ta' Ħajt f'Daħlet Qorrot.

**22.6 Full Time Supervisor skala 16;**

Is-Segretarja innotat li sar interview lil applikant wieħed li kien hemm u l-Bord tal-Interview irrakkomanda lil John Ivan Xuereb. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera kollha li għandu jintgħazel John Ivan Xuereb fuq rakkomandazzjoni tal-board u kif ukoll fuq xogħol li ta' lil Kunsill u dedikazzjoni li dejjem kellu lejn il-Kunsill matul dawn is-snin li kien jaħdem fuq kuntratt.

## 22.7. Korrispondenza;

| | |
|---|---|
| 6728 | DG/K/1/2020-Tnedija tal-Process għas-sejħa ta' interess għall-kapitali Ewropea tal-Kultura 2031 |
| 6729 | ideazzjonisti- Stedina minn Agenzija Zgħazagħ |
| 6730 | Direttiva 7A/2019- risk assessment tal-Playing Fields |
| 6731 | Zjara mingħand Karl Gouder- Shadow speaker for Local Councils |
| 6732 | PQ 17269- CWS |
| 6733 | Ittra dwar entertainment fil-Milied gewwa n-Nadur |
| 6734 | AKL2020/129- Komunikazzjoni BOV |
| 6735 | AKL2020/127- Webinar OHSA |
| 6736 | AKL2020/118- Skema thawwil ta' Sigar f'zoni urbani |
| 6737 | AKL2020/108-Festa bhala wirt intangibli dinji |
| 6738 | AKL 2020/126-polza ta' assigurazzjoni tas-saħħa 2021- ***Kien hemm qbil li titħallas u jiġu inkluz ukoll l-ħaddiema tal-CWS flimkien mal-ħaddiema u kunsilliera tal-Kunsill***. |
| 6739 | AKL 2020/125- EPPS tender training |
| 6740 | Local Government- Amministrazzjoni ta' Propjeta Pubblika(devoluzzjoni) |
| 6741 | Ittra mingħand l-Avukat rigward disabled parking li trid titħarek minn Triq Ħida għal Triq Dun Guzepp Vella. ***Kien hemm diskussjoni mill-ġdid fuq din u l-Kunsill irċieva diversi ilmenti u objections mingħand residenti ta' l-istess block ta' flats. Il-Kunsill bgħat dawn l-ilmenti lil TM u d-deċizzjoni finali tkun minn TM peress li l-Kunsill ma hux l-awtorita li tawtorizza jew tapprova talbiet bħal dawn.*** |

***Rimarki oħra:-***

Is-Sindku irramarka li rigward il-Milied Solidali mar-Reġjun ta' Għawdex il-Carol singing mhux ser isir, rigward l-ikla tal-Milied hemm madwar 60 persuna u il-filmat tal-Milied ser isir minn CVC. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand ir-Regjun ta' Għawdex rigward spejjez fuq il-live streaming. Kien hemm qbil li l-Kunsill tan-Nadur jitlob għajnuna finanzjara ukoll.

Is-Sindku innota li r-Reġjun ta' Għawdex ser joħrog Offerta għall-manutenzjoni u tiswija ta' ħsarat tad-dwal tat-toroq.

Is-Segretarja innotat li bil-liġi trid isir laqgħa Pubblika f'Diċembru. Kien hemm diskussjoni fit-tul fuq din u kien hemm qbil mill-Kunsilliera li minħabba l-Covid-19 din ma isirx fil-bini tal-Kunsill u l-anqas jagħmel sens li tkun online peress li r-residenti ma jkunux jistgħu jgħidu tagħhom. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill tan-Nadur huwa dejjem miftuħ għas suġġerimenti tan-nies u nfatti qatt ma kellna attendenza fil-laqgħat pubbliċi tal-passat.

Kien hemm persuna li tkelmet mal-Kunsilliera rigward complain fuq żvilupp fl-area ta' Kenuna. Il-Kunsill qabel li sa issa jidher li ma hemm xejn illegali u minn għandu problema jista jagħmel rapport mingħajr ma' jgħati ismu fuq sistema tal-PA. Kien hemm suġġeriment mingħand il-Viċi Sindku li l-Kunsill igib il-pjanti ta' dan il-permess. Is-Sindku issekonda dan is-suġġeriment.

**22.8 Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

**22.8.1 Triq ta' Kenuna-** Is-Sindku innota li iltaqa' mal-Perit tal-Gvern fuq il-post u ser isir it-triq kollha. Is-Sindku spjega fid-dettall il-proġett.

**22.8.2 Triq Daħlet Qorrot-** Il-ħajt qed jaqa' u għadu ma bediex ix-xogħol minn naħa tal-MGOZ.

**22.8.3 Ġnien tal-Ħali-** Il-Maintenance għaddej f'dan il-ġnien u kwazi lest.

**22.8.4 Triq ir-Ramla l-Qadima-** Qed isiru d-drenaggi u servizzi tad-djar, u ser issir parti extra bit-tarmac fi Triq Bingemma minħabba qlib tal-ilma, u anke qed jinbena l-ħajt tal-plot tal-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan kollu. Dawn għandhom iwasslu għal varjazzjonijiet fuq il-proġett.

**22.8.5 Cameras Ġnien il-Kunsill-** Dawn għadhom pendenti u ser naraw tistax tinħareg kwotazzjoni li tinkludi it-trinka ukoll.

**22.8.6 Il-Monument tal-FECC u ir-Railing-** Il-Kunsill ser jistenna risposta tal-iskema tal-MGOZ.

**22.8.7 Belvedere fi Triq ir-Ramla l-Qadima-** Il-Kunsill qed jistenna mingħand il-Perit għad-disinn u stima.

**22.8.8 Green Wall ta' Xhajma**: Ser isir survey il-quddiem.

**22.8.9 Pjanci fil-Ġnien ta' Kenuna** – Il-Kunsill qed immexxi fuq dan.

**22.8.10 Dawl fis-soft area ta' Triq it-Tramuntana-** Il-Kunsill għadu jrid jara fuq dan.

**22.8.11 Gazebo fil-Playing Field ta' San Blas –** Il-Kunsill għadu ma irċieva l-ebda risposta mingħand is-suppliers.

**22.8.12 Muxa fi Triq San Gwann** – Il-Viċi Sindku ser jara hemmx problemi qabel fuq l-area.

**22.8.13 Ir-Railing ta' Triq il-Madonna ta' Fatima-** Ix-xogħol lest.

**22.8.14. Ir-Railings ta' Triq ir-Rabat –** Il-Kunsill għadu jistenna minn naha tal-MGOZ rigward dawn peress li qedin f'Triq Arterjali.

**22.8.15. AED fil-Playing field tal-Ħali**: Din twaħħlet.

**22.8.16. Latrina ħdejn il-Playing Field ta' San Blas-** Is-Sindku tkellem mal-Perit tal-Kunsill u ser jaħdem fuq stima.

**22.8.17. Bus shelter fil-Pjazza San Pietru u San Pawl**- Il-Kunsill għadu ma irċieva l-ebda risposta mingħand FACES.

**22.8.18. Railings tal-Injam fil-passaġġ tat-Triq il-Madonna ta' Fatima**- Dan ix-xogħol huwa lest.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**22.8.19. Statwa ta' San Gwann fi Triq San Gwann-** Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ta update fuq din l-istatwa li baqalu jitkellem ma persuna waħda biex ikun hemm qbil biex tiġi restawrata.

**22.8.20. Zebgħa u bullards fi Triq Arc. Saver Cassar u Pjanti-** Kien hemm qbil fuq dawn.

**22.8.21 Bolavostri quddiem il-monument tal-Gwerra u dawl fi Triq it-Tigrija**- Kien hemm qbil fuq dan.

**22.8.22. Latrina Pubblika fi Triq it-Tramuntana**- is-Sindku innota li jrid jiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiddiskuti refurbishment ta din il-latrina.

**22.8.23. Sqaq fi Triq San Blas**- Kien hemm qbil li l-Kunsill jara jistax isir bil-fondi tal-DPF.

**22.8.24. Toroq Residenzjali 2021**- Dawn intbgħatu lil MGOZ.

**22.8.25. Pending:** It-tabella tal-Merħba, il-Festun tal-fiss fil-Pjazzetta.

**22.9. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali**

**22.9.1 Jum il-Kunsill:** Is-Sindku innota li din l-attivita' kienet ta' suċċess u kien hemm ħafna kummenti posittivi. Kien hemm kliem ta' tifħir mill-Kunsilliera kollha.

**22.9.2 San Koronatu Mixgħela tal-Pjazza-** Din kienet ta' suċċess ukoll u ġie deċiz li għandu jitwaqqaf grupp tal-mixgħela.

**22.9.3 Milied-** Kien hemm qbil li jkun hemm tqassim tal-ħelu lil anzjani tad-day centre, tqassim ta' ktieb lit-tfal ta' l-iskola u tas-sorijiet, jingħata rigal lil voluntiera kollha tal-kunsill, isir filmat messaġġ tal-Milied, u titqassam Christmas Card f'kull dar. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

Il-Christmas tree tal-Pjazza ser tixgħel fit-13 ta' Diċembru. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir nativita' fi Triq ir-Rabat ukoll għal sena oħra u kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsillier Jean Paul issuġġerixxa li titpoġġa letter box fil-Pjazza biex tintbgħat ittra lil Santa u l-Kunsill jibgħat ittra lura. Kien hemm

qbil. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issuġġerixxa biex is-sena d-dieħla isir tizjien fi Triq l-Arc. Saver Cassar mal-brazzi u kien hemm qbil.

**22.9.4. Ħad-Dingli Iffirmar Ħbiberija** – Dan għadu pospost minħabba l-Covid-19..

**22.9.5. Safra Cicciano –** Il-Kunsill qed jgħaddi l-flus li irċivejna lura fuq il-flights.

**22.9.6. Kolloborazzjoni mal-għaqdiet-** Kien hemm qbil li l-Kunsill jidħol b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet biex jinxtraw projector, cctv u apparat lil Centru Parrokjali bl-ammont ta' 2,000 euro, siġġijiet għal Muzew il-ġdid tal-Bniet bl-ammont ta' 2,000 euro, Proġett tal-lift tal-Muzew tas-subien bl-ammont ta' 2,000 euro, 500euro għar-restawr tal-faċċata tas-sorijiet tal-Kunvent u 250 eur kollaborazzjoni man-Nursery tal-futbol.

**22.10.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**22.10.1 Rikjesti mis-Sindku:**

- Talba għal Rampa fi Triq Daħlet Qorrot biex titranga għax wieqfa ħafna. Kien hemm qbil.

- Talba għal sement patching fi Triq il-Bajja ta' San Blas. Kien hemm qbil.

- Talba għal yellow line fi Triq il-Madonna ta' Fatima faċċata garage. Kien hemm qbil li l-Kunsill jgħaddi talba lil TM.

- Talba għal yellow line fi Triq Ħida mal-garage 1mtr. Kien hemm qbil li l-Kunsill jgħaddi talba lil TM.

- Talba għal bankina fi Triq Grunju bil-madum tal-Kunsill. Kien hemm qbil.

- Talba biex jinbiddlu bankini fi Triq MF Isqof Buttigieg u Triq il-Madonna ta' Lourdes bil-madum tar-residenti. Kien hemm qbil.

- Talba għal biex titranga bankina fi Triq ta' Said. Il-Kunsill ser jitlob materjal fuq sistema tal-gvern.

- Talba għal bankini fi Triq ir-Ramla l-Qadima. Il-Kunsill ser jitlob il-Materjal fuq is-sistema tal-Gvern.

- Talba biex titranga rampa fi Triq Daħlet Qorrot. Kien hemm qbil.

- Talba għal sement taht bankina fi Triq Dun Guzepp Vella. Kien hemm qbil.

**22.10.2 Rikjesti mill-Viċi Sindku:**

- Talba biex isir patching fi Triq ta' Xurdin. Kien hemm qbil.

- Talba għal ħajt fi Triq ir-Ramla l-Qadima. Kien hemm qbil.

- Talba għal ħajt tas-sejjieħ fi Triq Buskett. Kien hem qbil.

- Talba biex titranga ir-rampa li hemm minn Triq Xemmiex għal Wied Bingemma. Il-Kunsill ser jara fuq din peress li wieqfa ma tantx tista titranga.

Is-Segretarja innotat li l-iskrivan ma baqalu xejn vacation leave pendenti għas-sena 2021 waqt li l-ħaddiem Saviour Xiberras baqalu madwar 390 siegħa. Kien hemm qbil li dawn jizdidu mas-sena 2021.

Is-Sindku innota li l-ħadid lest kollu tar-railings ta' Kenuna izda minħabba li qed isir it-triq ser ikun hemm bzonn li jinzammu f'garage u magħhom anke l-fanali ta' Triq Kenuna. Dan il-ħin is-Sindku astjena fuq dan is-suġġett peress li kien hemm interess pekunjaru. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri ippropona li jinkera il-garage ta' Michael Said għal sitt xhur bl-ammont ta' 300euro u l-Kunsillier Jean Paul Portelli issekonda din il-proposta, u kien hemm qbil mil-Kunsilliera Joseph Vella u Josef Camilleri.

**22.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:00p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis 7 ta' Jannar fl-4:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |